# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 25 ta' Gunju 2001**

**Numru 6**

**Avviz. numru 124/00mm**

**Joseph u martu Judith Arapa**

**vs**

**Martin Scerri u b'digriet ta' l-20 ta' Marzu,2000 giet kjamata fil-kawza Pauline Scerri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ippresentat mill-atturi fis-7 ta' Frar 2000 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1000) mislufa lilu mill-atturi in konnessjoni mat-twellija tar-*restaurant* maghruf bhala "Yassou" fix-Xemxija.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja tal-4 ta' Jannar 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi fl-ewwel lok it-twellija tar-restaurant maghruf bhala Yassou kienet saret fil-konfront tal-eccipjent u ta' martu Pauline Scerri li ghalhekk ghandha tigi kjamata fil-kawza.

2. Illi fil-meritu l-eccipjent mhux debitur ta' l-attur fl-ebda ammont stante li hu qatt ma ssellef dawk il-flus minghandhom.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet taghha ta' l-20 ta' Marzu,2000 fejn ordnat il-kjamata fil-kawza ta' Pauline Scerri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

L-attrici Judith Arapa xehdet illi l-kjamata fil-kawza Pauline Scerri hija t-tifla taghha mizzewga lill-konvenut. Bejniethom hemm bhalissa proceduri ta' separazzjoni. F'April 1994 il-kjamata fil-kawza Pauline Scerri kienet avvicinat lil ommha u qaltilha li kienu jafu b'restaurant zghir f'San Pawl il-Bahar bl-isem ta' "Yassou" illi kien ghat-twellija u xtaqu jakkwistawh hija u r-ragel taghha, u staqsiet lill-atturi sabiex iselfuhom l-ammont ta' elf lira (Lm1,000). L-attrici xehdet li hija tat dawn il-flus

direttament lill-konvenut u taghthomlu fi flus kontanti. R-restaurant haduh u l-istess attrici kienet tmur hemmhekk u tghinhom f'dan in-negozju. Wara li mbaghad il-konjugi Scerri sseparaw, l-attrici talbet dawn il-flus lill-konvenut Martin Scerri. L-attrici damet tissikka lil Martin Scerri ghal diversi zmien sakemm fl-ahhar qalilha illi ma kienx ser jaghtiha l-flus peress illi ma kien hemm xejn bil-miktub bejniethom. Wara dan kellha tadixxi lil din il-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi minkejja li din il-kawza kienet differita sabiex jinstemghu x-xhieda tal-konvenut, dana ma deherx biex jaghti x-xhieda tieghu u ghalhekk il-Qorti trid tiddeciedi biss fuq ix-xhieda moghtija mill-attrici u l-kjamata fil-kawza. Wara li l-Qorti ezaminat din ix-xhieda ma ssib l-ebda raguni l-ghala m'ghandhiex temmen lill-istess attrici.  Jidher illi l-konvenut ried japprofitta ruhu mill-fatt illi ma kien hemm xejn bil-miktub bejniethom. B'daqshekk ma jfissirx li ma hemmx rabta. L-atturi rnexxielhom jipprovaw b'mod sodisfacenti, anke bil-konfort tax-xhieda tat-tifla taghhom, illi dawn il-flus fil-fatt ghaddew minn idejn l-atturi ghal ghand il-konvenut.

Ghalhekk il-Qorti jidhrilha li t-talba attrici hija wahda fondata  u timmerita konferma.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-atturi. Tikkundanna lill-konvenut li jhallashom is-somma ta' elf lira Maltin (Lm1000) in konnessjoni mat-twellija tar-restaurant maghruf bhala "Yassou" fix-Xemxija.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg